



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0388(NLE)

5383/23
ADD 2

UK 10
ENER 20

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieġed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija bejn l-UE u r-Renju Unit stabbilit skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, dwar l-arranġamenti ta' negozjar tal-elettriku bejn l-UE u r-Renju Unit

Anness I-A

Rakkomandazzjoni preliminari tad-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni Ewropea lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku tal-UE tat-22 ta' Jannar 2021 dwar l-iżvilupp ta' proċeduri tekniċi għall-kalkolu u l-allokazzjoni ta' kapaċitajiet ta' trażmissjoni sabiex jiġi żgurat kummerċ effiċjenti fuq l-interkonnnetturi tal-elettriku fl-ambitu tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ID-DIRETTORAT ĠENERALI Għall-ENERĠIJA

[speditur]

Brussell, 22 ta' Jannar 2021

[destinatarju fl-ENTSO-E]

Suġġett: L-iżvilupp ta' abbozzi ta' proċeduri tekniċi għall-kalkolu u għall-allokazzjoni ta' kapaċitajiet ta' trażmissjoni sabiex jiġi żgurat kummerċ effiċjenti fuq l-interkonnnetturi tal-elettriku wara l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni

Għażiż(a) [destinatarju],

Kif taf, fit-30 ta' Diċembru 2020 ġie ffirmat Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), u dan ġie applikat b'mod provviżorju mill-Partijiet mill-1 ta' Jannar 2021.

Skont l-Artikolu ENER.19 tal-Ftehim, l-Unjoni u r-Renju Unit iridu jiżguraw li l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tagħhom jikkooperaw sabiex jiżviluppaw proċeduri tekniċi fuq serje ta' oqsma, inkluż l-użu ta' interkonnnetturi, jekk ikun irrakkomandat hekk mill-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija. Matul in-negozjati, l-Unjoni u r-Renju Unit ftiehm li jixraq li wħud minn dawn il-proċeduri tekniċi jiġu żviluppati issa, u qabel il-bidu tal-ħidma tal-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija. Għalhekk, l-ENTSO-E huwa mitlub jiżviluppa abbozzi ta' proċeduri tekniċi għall-kalkolu u għall-allokazzjoni ta' kapaċitajiet ta' trażmissjoni sabiex jiġi żgurat kummerċ effiċjenti fuq l-interkonnnetturi tal-elettriku. Ladarba jkun operazzjonali, il-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija ser isegwi l-ħidma kollha relatata mal-iżvilupp tal-proċeduri tekniċi.

L-abbozzi tal-proċeduri tekniċi għandhom jindirizzaw il-kalkolu tal-kapaċità u l-allokazzjoni tal-kapaċità fil-perjodi ta' żmien rilevanti kollha.

Din it-talba għandha l-għan li tagħti effett lill-aspetti tal-Artikoli ENER.13, ENER.14 u ENER.19 tal-Ftehim fir-rigward tal-użu effiċjenti tal-interkonnnessjoni tal-elettriku, u għandha tinftiehem f'dak il-kuntest. B'mod partikolari, il-proċeduri tekniċi ma għandhomx jinvolvu jew jimplikaw il-parteċipazzjoni mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tar-Renju Unit fil-proċeduri tal-Unjoni għall-allokazzjoni tal-kapaċità u għall-ġestjoni tal-konġestjoni.

L-ENTSO-E għandu jiżviluppa dawn il-proċeduri tekniċi f'kooperazzjoni mal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku tar-Renju Unit fil-kuntest tal-kooperazzjoni stabbilita fil-Memorandum ta' Qbil stabbilit sabiex jagħti effett lil aspetti tal-Artikolu ENER.19 tal-Ftehim.

Aktar dettall dwar x'għandu jiġi inkluż fl-abbozz tal-proċeduri tekniċi huwa stabbilit fl-Anness 2 (kalkolu tal-kapaċità), fl-Anness 3 (allokazzjoni tal-kapaċità) u fl-Anness 4.

B'mod speċifiku, fir-rigward tal-kalkolu u tal-allokazzjoni tal-kapaċità għall-perjodu ta' żmien ta' ġurnata bil-quddiem, aħna nitolbu t-tnejn ta' mudell ta' Mira ta' Ġurnata bil-Quddiem ibbażat fuq il-kunċett ta' "Akkoppjament ta' volum sferi bejn diversi reġjuni" li huwa f'konformità mal-Artikolu ENER.14, ENER.19 u l-Anness ENER-4 tal-Ftehim; f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet, dan għandu jibda b'ħala kwistjoni ta' prijorità. L-Anness ENER-4 tal-Ftehim huwa rreplikat fl-Anness 4 ta' din l-ittra.

Il-Parti 2 tal-Anness ENER-4 tal-Ftehim tistabbilixxi skeda ta' żmien għall-iżvilupp tal-proċeduri tekniċi għall-perjodu ta' żmien ta' ġurnata bil-quddiem. Id-dati stabbiliti hawn taħt huma bbażati fuq din l-iskeda ta' żmien, li f'konformità mal-Artikolu FINPROV.11.3 tal-Ftehim, aħna kkalkulajna mill-1 ta' Jannar 2021, li hija d-data tal-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim.

Sabiex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-mudell tal-Mira ta' Ġurnata bil-Quddiem, u f'konformità mal-Anness ENER-4, aħna nitolbu li sal-1 ta' April 2021 jitlestew deskrizzjoni ġenerali tal-proposti u analiżi kost-benefiċċji sabiex jiġi vvalutat il-valur miżjud tal-mudell ta' Mira. Il-proposti ġenerali u l-analiżi kost-benefiċċji għandhom jiġu żviluppati f'konformità mal-Anness 5 għal din l-ittra.

Aħna nitolbu li l-abbozzi tal-proċeduri tekniċi jiġu ppreżentati lill-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (l-Aġenzija) għall-opinjoni tagħhom. Qabel dan, aħna nitolbu lill-ENTSO-E jwettaq konsultazzjoni xierqa mal-partijiet tas-suq dwar l-abbozzi tal-proċeduri tekniċi. Wara li tirċievi l-opinjoni, aħna nitolbuk li tissottomettiha flimkien mal-abbozzi tal-proċeduri tekniċi lill-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija fi żmien suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jiġu implimentati sal-1 ta' April 2022.

Fir-rigward tal-kalkolu u tal-allokazzjoni tal-kapaċità għal perjodi ta' żmien għajr il-perjodu ta' żmien ta' ġurnata bil-quddiem, aħna nistiednu lill-ENTSO-E jipproponi skeda ta' żmien għall-iżvilupp tal-abbozz tal-proċeduri tekniċi.

Qiegħed nikkopja din l-ittra lill-kontroparti tiegħi fid-Dipartiment għan-Negożju, l-Enerġija u l-Istrateġija Industrijali, li qiegħed jibgħat ittra ekwivalenti lit-TSOs tal-elettriku tar-Renju Unit, u kopja tagħha hija inkluża b'ħala l-Anness 1 ta' din l-ittra.

Dejjem tiegħek,

[firma tal-ispeditur]

Kopja

Id-Dipartiment għan-Negożju, l-Enerġija u l-Istrateġija Industrijali

Anness 1

Ittra mill-[ispeditur] fid-Dipartiment għan-Negozju, l-Enerġija u l-Istrateġija Industrijali lit-TSOs tal-elettriku tar-Renju Unit

Anness 2 Kalkolu tal-kapaċità

L-abbozzi tal-proċeduri tekniċi għandhom jistabbilixxu t-termini, il-kondizzjonijiet u l-metodoloġiji għall-allokazzjoni tal-kapaċità ta' interkonnessjoni li sussegwentement tista' ssir disponibbli għas-suq.

Din il-kapaċità għandha tiġi kkalkolata b'mod ikkoordinat fl-interkonnetturi tal-elettriku kollha.

Il-kapaċitajiet għandhom jiġu mmassimizzati fl-interkonnetturi tal-elettriku kollha. Dan ir-rekwiżit għandu:

- iqis l-obbligi tat-TSOs li jikkonformaw mal-istandards ta' sikurezza ta' operazzjoni tan-network sigura;
- jirrispetta l-fruntieri taż-żona tal-offerti fi ħdan l-UE u r-Renju Unit stabbiliti skont l-oqfsa domestiċi rilevanti;
- jippermetti lit-TSOs tal-UE jikkonformaw mar-rekwiżit li jipprovdu mill-anqas 70 % tal-kapaċitajiet tagħhom fil-konfini taż-żona tal-offerti fl-UE kif stabbilit fl-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) 2019/943;
- jipprevedi n-nondiskriminazzjoni bejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni fl-Unjoni u fir-Renju Unit fil-kalkolu tal-kapaċità;
- ikun appoġġat minn proċess koordinat għal azzjonijiet ta' rimedju fl-interkonnetturi tal-elettriku, inklużi ridispaċċ u skambju kumpensatorju;
- ikun appoġġat minn arranġament ta' kondiviżjoni tal-kostijiet bejn it-TSOs tal-Partijiet relatati mar-ridispaċċ u mal-iskambju kumpensatorju.

Sa fejn ikun teknikament possibbli, it-TSOs tal-Partijiet għandhom jikkalkolaw il-valur nett tar-rekwiżiti tal-kapaċità ta' kwalunkwe fluss ta' enerġija fid-direzzjoni opposta fuq l-interkonnetturi tal-elettriku sabiex jużaw l-interkonnetturi sal-kapaċità massima tagħhom.

Fir-rigward tal-kalkolu tal-kapaċità, it-TSOs għandhom jippubblikaw mill-anqas:

- kull sena: informazzjoni dwar l-evoluzzjoni fit-tul tal-infrastruttura ta' trażmissjoni u l-impatt tagħha fuq il-kapaċità ta' trażmissjoni transfruntiera;
- kull xahar: previżjonijiet b'xahar u b'sena bil-quddiem tal-kapaċità ta' trażmissjoni disponibbli għas-suq, filwaqt li titqies l-informazzjoni kollha rilevanti disponibbli għat-TSO fiż-żmien tal-kalkolu tal-previżjoni (pereżempju, l-impatt tal-istaġuni tas-sajf u tax-xitwa fuq il-kapaċità tal-linji, il-manutenzjoni tan-network, id-disponibbiltà tal-unitajiet ta' produzzjoni, eċċ.);
- kull ġimgħa: previżjonijiet b'ġimgħa bil-quddiem tal-kapaċità ta' trażmissjoni disponibbli għas-suq, filwaqt li titqies l-informazzjoni kollha rilevanti disponibbli għat-TSOs fiż-żmien tal-kalkolu tal-previżjoni, bħall-previżjoni tat-temp, il-ħidma ta' manutenzjoni ppjanata tan-network, id-disponibbiltà tal-unitajiet ta' produzzjoni, eċċ.;

- kuljum: kapacià ta' trażmissjoni b'ġurnata bil-quddiem u għall-istess ġurnata disponibbli għas-suq għal kull unità ta' ħin tas-suq, filwaqt li jitqiesu n-nomini interkonnessi b'ġurnata bil-quddiem, skedi tal-produzzjoni b'ġurnata bil-quddiem, previżjonijiet tad-domanda u ħidma ta' manutenzjoni ppjanata tan-network;
- kapacià totali diġà allokata, b'unità ta' ħin tas-suq, u l-kondizzjonijiet rilevanti kollha li fiha tista' tintuża din il-kapacià (pereżempju, prezz ta' bejgħ f'irkant, obbligi dwar l-użu tal-kapacià, eċċ.), sabiex tiġi identifikata kwalunkwe kapacià li jifdal;
- kapacià allokata malajr kemm jista' jkun wara kull allokazżjoni, kif ukoll indikazzjoni tal-prezzijiet imħallsa
- kapacià totali użata, b'unità ta' ħin tas-suq, immedjatament wara n-nomina
- viċin kemm jista' jkun għal ħin reali: flussi kummerċjali u fiżiċi aggregati realizżati, b'unità ta' ħin tas-suq, inkluż deskrizzjoni tal-effetti ta' kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda mit-TSOs (bħal taqsir) għas-soluzzjoni ta' problemi tan-network jew tas-sistema
- informazzjoni rilevanti sabiex jiġi vvalutat jekk il-kapacià tal-interkonnnetturi tal-elettriku ġietx ikkalkolata u allokata b'mod konsistenti mal-Ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit

Anness 3 Allokazzjoni tal-kapacià

L-abbozzi tal-proċeduri tekniċi għandhom jistabbilixxu t-termini, il-kondizzjonijiet u l-metodoloġiji għall-allokazzjoni tal-kapacià ta' interkonnessjoni għas-suq għall-perjodi ta' żmien li ġejjin:

- Bil-quddiem;
- Ġurnata bil-quddiem;
- Għall-istess ġurnata.

Għal kull perjodu ta' żmien, il-metodoloġija għandha:

- tipprevedi rkantijiet koordinati għall-interkonnnetturi kollha tal-elettriku;
- tinkludi regoli għan-nomina, għat-tnaqqis, għaċ-ċertezza, għar-remunerazzjoni, għat-trasferiment u għar-ritorn tal-kapaċitajiet ta' trażmissjoni akkwiżiti kif ukoll għall-proċeduri ta' riżerva u għall-kumpens f'każ ta' tnaqqis
- tinkludi regoli għad-distribuzzjoni tal-introjt mill-konġestjoni
- tipprojbixxi lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni milli jitolbu prezzijiet ta' riżerva fejn ma sseħħ l-ebda konġestjoni fuq l-interkonnnetturi tal-elettriku, sakemm ma tkunx tapplika eżenzjoni.

Anness 4 - Mudell tal-Mira ta' Ġurnata bil-quddiem: "Akkoppjament ta' volum sfuż f'diversi reġjuni"

Parti 1

1. Il-proċedura l-ġdida għall-allokazzjoni tal-kapacià fuq l-interkonnnetturi tal-elettriku fil-perjodu ta' żmien tas-suq ta' ġurnata bil-quddiem għandha tkun ibbażata fuq il-kunċett ta' "Akkoppjament ta' volum sfuż f'diversi reġjuni". L-oġettiv ġenerali tal-proċedura l-ġdida għandu jkun li jiġi mmassimizzati l-benefiċċji tal-kummerċ. Bħala l-ewwel pass fl-

iżvilupp tal-proċedura l-ġdida, il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni jħejju proposti ġenerali u analiżi kost-benefiċċji.

2. L-akkoppjament ta' volum sfoż f'diversi reġjuni għandu jinvolve l-iżvilupp ta' funzjoni ta' akkoppjament tas-suq sabiex jiġu ddeterminati l-pożizzjonijiet netti tal-enerġija (allokazzjoni impliċita) bejn:
 - (a) iż-żoni tal-offerti stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/943, li huma konnessi direttament mar-Renju Unit permezz ta' interkonnnetturi tal-elettriku; u
 - (b) r-Renju Unit.
3. Il-pożizzjonijiet netti tal-enerġija fuq l-interkonnnetturi tal-elettriku għandhom jiġu kkalkolati permezz ta' proċess ta' allokazzjoni impliċita billi jiġi applikat algoritmu speċifiku għal:
 - (a) offerti kummerċjali u offerti għall-perjodu ta' żmien tas-suq ta' ġurnata bil-quddiem miż-żoni tal-offerti stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/943 li huma konnessi direttament mar-Renju Unit permezz ta' interkonnnetturi tal-elettriku;
 - (b) offerti kummerċjali u offerti għall-perjodu ta' żmien tas-suq ta' ġurnata bil-quddiem minn swieq rilevanti ta' ġurnata bil-quddiem fir-Renju Unit;
 - (c) il-kapaċità tad-data tan-network u l-kapaċitajiet tas-sistema ddeterminati f'konformità mal-proċeduri miftiehma bejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni; u
 - (d) data dwar il-flussi kummerċjali mistennija ta' interkonnnessjonijiet tal-elettriku bejn iż-żoni tal-offerti konnessi mar-Renju Unit u żoni tal-offerti oħrajn fl-Unjoni, kif iddeterminat mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-Unjoni bl-użu ta' metodoloġiji robusti.

Dan il-proċess għandu jkun kompatibbli mal-karatteristiċi speċifiċi tal-interkonnnetturi tal-elettriku b'kurrent dirett, inklużi r-rekwiżiti dwar it-telf u l-varjazzjoni.

4. Il-funzjoni tal-akkoppjament tas-suq għandha:
 - (a) tipproduċi riżultati biżżejjed minn qabel it-tħaddim tas-swieq rispettivi ta' ġurnata bil-quddiem tal-Partijiet (għall-Unjoni dan huwa akkoppjament singolu ta' ġurnata bil-quddiem stabbilit f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222¹) sabiex dawn ir-riżultati jkunu jistgħu jintużaw bħala inputs fil-proċessi li jiddeterminaw ir-riżultati f'dawk is-swieq;
 - (b) tipproduċi riżultati li huma affidabbli u ripetibbli;
 - (c) tkun proċess speċifiku sabiex jikkollega s-swieq distinti u separati ta' ġurnata bil-quddiem fl-Unjoni u fir-Renju Unit; b'mod partikolari, dan ifisser li l-algoritmu speċifiku għandu jkun distint u separat minn dak użat fl-akkoppjament singolu ta' ġurnata bil-quddiem stabbilit f'konformità mar-Regolament (UE) 2015/1222 u, fir-rigward tal-offerti kummerċjali u tal-offerti tal-Unjoni, ikollu aċċess biss għal dawk minn żoni tal-offerti li huma konnessi direttament mar-Renju Unit permezz ta' interkonnnetturi tal-elettriku.
5. Il-pożizzjonijiet netti tal-enerġija kkalkolati għandhom jiġu ppubblikati wara validazzjoni u verifika. Jekk il-funzjoni tal-akkoppjament tas-suq ma tkunx tista' topera jew tipproduċi riżultat, il-kapaċità tal-interkonnnetturi tal-elettriku għandha tiġi allokata permezz ta' proċess

¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi linji gwida dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni (ĠU UE L 197, 25.7.2015, p. 24).

ta' riżerva, u l-parteciċipanti fis-suq għandhom jiġu nnotifikati li ser japplika l-proċess ta' riżerva.

6. Il-kostijiet tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni tal-proċeduri tekniċi għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn l-operaturi rilevanti tas-sistema ta' trażmissjoni tar-Renju Unit jew entitajiet oħrajn minn naħa, u l-operaturi rilevanti tas-sistema ta' trażmissjoni tal-Unjoni jew entitajiet oħrajn min-naħa l-oħra, sakemm il-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija ma jiddeċidix mod ieħor.

Parti 2

L-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' dan l-Anness għandha tkun mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kif ġej:

- (a) fi żmien tliet xhur – analiżi kost-benefiċċji u deskrizzjoni tal-proposti għall-proċeduri tekniċi;
- (b) fi żmien 10 xhur – proposta għal proċeduri tekniċi;
- (c) fi żmien 15-il xahar – il-bidu tat-tħaddim tal-proċeduri tekniċi.

Anness 5: Ir-rekwiżiti tal-proposti ġenerali u l-analiżi kost-benefiċċji

Kif stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness ENER – 4 tal-Ftehim, l-ewwel stadju ta' żvilupp tal-arranġamenti l-ġodda ta' ġurnata bil-quddiem huwa li jiġu żviluppati proposti ġenerali u analiżi kost-benefiċċji.

Il-proposti ġenerali għandhom:

- jistabbilixxu d-disinn ta' livell għoli tas-soluzzjoni tal-akkoppjament ta' volum sfuż f'diversi reġjuni;
- jidentifikaw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet tal-industrija;
- ikun fihom pjan ta' implimentazzjoni;
- jenfasizzaw kwalunkwe riskju jew kwistjoni marbuta mal-implimentazzjoni, bi proposti dwar kif dawn għandhom jiġu solvuti; u;
- jivvalutaw l-impatt tad-differenzi bejn ir-reġimi tal-ipprezzar tal-karbonju tal-partijiet fuq il-flussi fuq l-interkonnetturi.

L-analiżi kost-benefiċċji għandha tqis l-oġettiv tal-arranġamenti sabiex jiġu mmassimizzati l-benefiċċji tal-kummerċ li jfisser li, fi ħdan ir-restrizzjonijiet imsemmija fl-Anness ENER-4 tal-Ftehim, l-arranġamenti ta' negozjar:

- għandhom ikunu effiċjenti kemm jista' jkun, u;
- f'ċirkostanzi normali, għandhom jirriżultaw fi flussi bejn l-interkonnetturi tal-elettriku li jkunu konsistenti mal-prezzijiet fis-swieq ta' ġurnata bil-quddiem tal-Partijiet.

Anness I-B

Rakkomandazzjoni preliminari tad-Dipartiment għan-Negożju, l-Enerġija u l-Istrateġija Industrijali tal-Gvern tar-Renju Unit lill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku tar-Renju Unit tat-22 ta' Jannar 2021 dwar l-iżvilupp ta' proċeduri tekniċi għall-kalkolu u għall-allokazzjoni ta' kapaċitajiet ta' trażmissjoni sabiex jiġi żgurat kummerċ effiċjenti fuq l-interkonnnetturi tal-elettriku fl-ambitu tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit



Department for
Business, Energy
& Industrial Strategy

[speditur fid-Dipartiment għan-Negożju, l-Enerġija u l-Istrateġija Industrijali]

[destinatarju fit-TSO tar-Renju Unit għal

l-elettriku]

Il-Ġimgħa, it-22 ta' Jannar 2021

Għażiż(a) [destinatarju],

L-iżvilupp ta' abbozzi ta' proċeduri tekniċi għall-kalkolu u għall-allokazzjoni ta' kapaċitajiet ta' trażmissjoni sabiex jiġi żgurat kummerċ effiċjenti fuq l-interkonnnetturi tal-elettriku wara l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit

Kif taf, fit-30 ta' Diċembru 2020 ġie ffirmat Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), u dan ġie applikat b'mod provviżorju mill-Partijiet mill-1 ta' Jannar 2021. Skont l-Artikolu ENER.19 tal-Ftehim, l-Unjoni u r-Renju Unit iridu jiżguraw li l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tagħhom jikkooperaw sabiex jiżviluppaw proċeduri tekniċi fuq serje ta' oqsma, inkluż l-użu ta' interkonnnetturi, jekk ikun irrakkomandat hekk mill-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija. Matul in-negożjati, l-Unjoni u r-Renju Unit ftiehm li jixraq li wħud minn dawn il-proċeduri tekniċi jiġu żviluppatti issa, u qabel il-bidu tal-ħidma tal-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija. Għalhekk, it-TSOs tal-elettriku tar-Renju Unit huma mitluba jiżviluppaw abbozzi ta' proċeduri tekniċi għall-kalkolu u għall-allokazzjoni ta' kapaċitajiet ta' trażmissjoni sabiex jiżguraw kummerċ effiċjenti fuq l-interkonnnetturi tal-elettriku. Ladarba jkun operazzjonali, il-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija ser isegwi l-ħidma kollha relatata mal-iżvilupp tal-proċeduri tekniċi.

L-abbozzi tal-proċeduri tekniċi għandhom jindirizzaw il-kalkolu tal-kapaċità u l-allokazzjoni tal-kapaċità fil-perjodi ta' żmien rilevanti kollha.

Din it-talba għandha l-għan li tagħti effett lill-aspetti tal-Artikoli ENER.13, ENER.14 u ENER.19 tal-Ftehim fir-rigward tal-użu effiċjenti tal-interkonnessjoni tal-elettriku, u għandha tinftehem f'dak il-kuntest. B'mod partikolari, il-proċeduri tekniċi ma għandhomx jinvolvu jew jimplikaw il-parteċipazzjoni mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tar-Renju Unit fil-proċeduri tal-Unjoni għall-allokazzjoni tal-kapaċità u għall-ġestjoni tal-konġestjoni.

It-TSOs tal-elettriku tar-Renju Unit għandhom jiżviluppaw dawn il-proċeduri tekniċi f'kooperazzjoni mal-ENTSO-E fil-kuntest tal-kooperazzjoni stabbilita fil-Memorandum ta' Qbil stabbilit sabiex jagħti effett lill-aspetti tal-Artikolu ENER.19 tal-Ftehim.

Aktar dettall dwar x'għandu jiġi inkluż fl-abbozz tal-proċeduri tekniċi huwa stabbilit fl-Anness 2 (kalkolu tal-kapaċità), fl-Anness 3 (allokazzjoni tal-kapaċità) u fl-Anness 4.

B'mod speċifiku, fir-rigward tal-kalkolu u tal-allokazzjoni tal-kapaċità għall-perjodu ta' żmien ta' għurata bil-quddiem, aħna nitolbu t-tnejja ta' mudell ta' Mira ta' Għurata bil-Quddiem ibbażat fuq il-kunċett ta' "Akkoppjament ta' volum sferi bejn diversi reġjuni" li huwa f'konformità mal-Artikolu ENER.14, ENER.19 u l-Anness ENER-4 tal-Ftehim; f'konformità ma' daww id-dispożizzjonijiet, dan għandu jibda bħala kwistjoni ta' prijorità. L-Anness ENER—4 tal-Ftehim huwa rreplikat fl-Anness 4 ta' din l-ittra.

Il-Parti 2 tal-Anness ENER-4 tal-Ftehim tistabbilixxi skeda ta' żmien għall-iżvilupp tal-proċeduri tekniċi għall-perjodu ta' żmien ta' għurata bil-quddiem. Id-dati stabbiliti hawn taħt huma bbażati fuq din l-iskeda ta' żmien, li f'konformità mal-Artikolu FINPROV.11.3 tal-Ftehim, aħna kkalkulajna mill-1 ta' Jannar 2021, li hija d-data tal-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim.

Sabiex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-mudell tal-Mira ta' Għurata bil-Quddiem, u f'konformità mal-Anness ENER-4, aħna nitolbu li sal-1 ta' April 2021 jitlestew deskrizzjoni ġenerali tal-proposti u analiżi kost-benefiċċji sabiex jiġi vvalutat il-valur miżjud tal-mudell ta' Mira. Il-proposti ġenerali u l-analiżi kost-benefiċċji għandhom jiġu żviluppati f'konformità mal-Anness 5 għal din l-ittra.

Aħna nitolbu li l-abbozzi tal-proċeduri tekniċi jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet regolatorji tar-Renju Unit għall-opinjoni tagħhom. Qabel dan, aħna nitolbu lit-TSOs tal-elettriku tar-Renju Unit sabiex iwettqu konsultazzjoni xierqa mal-partijiet tas-suq dwar l-abbozzi tal-proċeduri tekniċi. Wara li tirċievi l-opinjoni, aħna nitolbuk li tissottomettihha flimkien mal-abbozzi tal-proċeduri tekniċi lill-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija fi żmien suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jiġu implimentati sal-1 ta' April 2022.

Fir-rigward tal-kalkolu u tal-allokazzjoni tal-kapaċità għall-perjodi ta' żmien għajr il-perjodu ta' żmien ta' għurata bil-quddiem, aħna nistiednu lit-TSOs tal-elettriku tar-Renju Unit jipproponu lill-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija skeda ta' żmien għall-iżvilupp tal-abbozzi ta' proċeduri tekniċi.

Qiegħed nikkopja din l-ittra lill-kontroparti tiegħi fid-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni Ewropea, li qiegħed jibgħat ittra ekwivalenti lill-ENTSO-E, li kopja tagħha hija inkluża bħala l-Anness 1 ta' din l-ittra.

Dejjem tiegħek,

[firma tal-ispeditur]

Kopja

Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni Ewropea

Anness 1

Ittra mid-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni Ewropea lill-ENTSO-E

Anness 2 Kalkolu tal-kapaċità

L-abbozzi tal-proċeduri tekniċi għandhom jistabbilixxu t-termini, il-kondizzjonijiet u l-metodoloġiji għall-allokazzjoni tal-kapaċità ta' interkonnessjoni li sussegwentement tista' ssir disponibbli għas-suq.

Din il-kapaċità għandha tiġi kkalkolata b'mod ikkoordinat fl-interkonnetturi tal-elettriku kollha.

Il-kapaċitajiet għandhom jiġu mmassimizzati fl-interkonnetturi tal-elettriku kollha. Dan ir-rekwiżit għandu:

- iqis l-obbligi tat-TSOs li jikkonformaw mal-istandards ta' sikurezza ta' operazzjoni tan-network sigura;
- jirrispetta l-fruntieri taż-żona tal-offerti fi ħdan l-UE u r-Renju Unit stabbiliti skont l-oqfsa domestiċi rilevanti;
- jippermetti lit-TSOs tal-UE jikkonformaw mar-rekwiżit li jipprovdu mill-anqas 70 % tal-kapaċitajiet tagħhom fil-konfini taż-żona tal-offerti fl-UE kif stabbilit fl-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) 2019/943;
- jipprevedi n-nondiskriminazzjoni bejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni fl-Unjoni u fir-Renju Unit fil-kalkolu tal-kapaċità;
- ikun appoġġat minn proċess koordinat għal azzjonijiet ta' rimedju fl-interkonnetturi tal-elettriku, inklużi ridispaċċ u skambju kumpensatorju;
- ikun appoġġat minn arranġament ta' kondiviżjoni tal-kostijiet bejn it-TSOs tal-Partijiet relatati mar-ridispaċċ u mal-iskambju kumpensatorju;

Sa fejn ikun teknikament possibbli, it-TSOs tal-Partijiet għandhom jikkalkolaw il-valur nett tar-rekwiżiti tal-kapaċità ta' kwalunkwe fluss ta' enerġija fid-direzzjoni opposta fuq l-interkonnetturi tal-elettriku sabiex jużaw l-interkonnetturi sal-kapaċità massima tagħhom.

Fir-rigward tal-kalkolu tal-kapaċità, it-TSOs għandhom jippubblikaw mill-anqas:

- kull sena: informazzjoni dwar l-evoluzzjoni fit-tul tal-infrastruttura ta' trażmissjoni u l-impatt tagħha fuq il-kapaċità ta' trażmissjoni transfruntiera;
- kull xahar: previżjonijiet b'xahar u b'sena bil-quddiem tal-kapaċità ta' trażmissjoni disponibbli għas-suq, filwaqt li titqies l-informazzjoni kollha rilevanti disponibbli għat-TSO fiż-żmien tal-kalkolu tal-previżjoni (pereżempju, l-impatt tal-istaġuni tas-sajf u tax-xitwa fuq il-kapaċità tal-linji, il-manutenzjoni tan-network, id-disponibbiltà tal-unitajiet ta' produzzjoni, eċċ);
- kull ġimgħa: previżjonijiet b'ġimgħa bil-quddiem tal-kapaċità ta' trażmissjoni disponibbli għas-suq, filwaqt li titqies l-informazzjoni kollha rilevanti disponibbli għat-TSOs fiż-żmien

tal-kalkolu tal-previżjoni, bħall-previżjoni tat-temp, il-ħidma ta' manutenzjoni ppjanata tan-network, id-disponibbiltà tal-unitajiet ta' produzzjoni, eċċ.;

- kuljum: kapaċità ta' trażmissjoni b'ġurnata bil-quddiem u għall-istess ġurnata disponibbli għas-suq għal kull unità ta' ħin tas-suq, filwaqt li jitqiesu n-nomini interkonnessi b'ġurnata bil-quddiem, skedi tal-produzzjoni b'ġurnata bil-quddiem, previżjonijiet tad-domanda u ħidma ta' manutenzjoni ppjanata tan-network;
- kapaċità totali diġà allokata, b'unità ta' ħin tas-suq, u l-kondizzjonijiet rilevanti kollha li fiha tista' tintuża din il-kapaċità (pereżempju, prezz ta' bejgħ f'irkant, obbligi dwar l-użu tal-kapaċità, eċċ.), sabiex tiġi identifikata kwalunkwe kapaċità li jifdal;
- kapaċità allokata malajr kemm jista' jkun wara kull allokazżjoni, kif ukoll indikazzjoni tal-prezzijiet imħallsa
- kapaċità totali użata, b'unità ta' ħin tas-suq, immedjatament wara n-nomina;
- viċin kemm jista' jkun għal ħin reali: flussi kummerċjali u fiżiċi aggregati realizzati, b'unità ta' ħin tas-suq, inkluż deskrizzjoni tal-effetti ta' kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda mit-TSOs (bħal taqsir) għas-soluzzjoni ta' problemi tan-network jew tas-sistema;
- informazzjoni rilevanti sabiex jiġi vvalutat jekk il-kapaċità tal-interkonnetturi tal-elettriku ġietx ikkalkolata u allokata b'mod konsistenti mal-Ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit.

Anness 3 Allokazzjoni tal-kapaċità

L-abbozzi tal-proċeduri tekniċi għandhom jistabbilixxu t-termini, il-kondizzjonijiet u l-metodoloġiji għall-allokazżjoni tal-kapaċità ta' interkonnessjoni għas-suq għall-perjodi ta' żmien li ġejjin:

- Bil-quddiem;
- Ġurnata bil-quddiem;
- Għall-istess ġurnata.

Għal kull perjodu ta' żmien, il-metodoloġija għandha:

- tipprevedi rkantijiet koordinati għall-interkonnetturi kollha tal-elettriku;
- tinkludi regoli għan-nomina, għat-tnaqqis, għaċ-ċertezza, għar-remunerazzjoni, għat-trasferiment u għar-ritorn tal-kapaċitajiet ta' trażmissjoni akkwiziżi kif ukoll għall-proċeduri ta' riżerva u għall-kumpens f'każ ta' tnaqqis – tinkludi regoli għad-distribuzzjoni tal-introjt mill-konġestjoni
- tipprojbixxi lit-TSOs milli jitolbu prezzijiet ta' riżerva fejn ma sseħħ l-ebda konġestjoni fuq l-interkonnetturi tal-elettriku, sakemm ma tapplikax eżenzjoni.

Anness 4 - Mudell tal-Mira ta' Ġurnata bil-quddiem: "Akkoppjament ta' volum sfuż f'diversi reġjuni"

Parti 1

1. Il-proċedura l-ġdida għall-allokazżjoni tal-kapaċità fuq l-interkonnetturi tal-elettriku fil-perjodu ta' żmien tas-suq ta' ġurnata bil-quddiem għandha tkun ibbażata fuq il-kunċett ta' "Akkoppjament ta' volum sfuż f'diversi reġjuni". L-oġettiv ġenerali tal-proċedura l-ġdida għandu jkun li jiġi mmassimizzati l-benefiċċji tal-kummerċ. Bħala l-ewwel pass fl-iżvilupp tal-proċedura l-ġdida, il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni jħejju proposti ġenerali u analiżi kost-benefiċċji.

2. L-akkoppjament ta' volum sfuż f'diversi reġjuni għandu jinvolve l-iżvilupp ta' funzjoni ta' akkoppjament tas-suq sabiex jiġi ddeterminati l-pożizzjonijiet netti tal-enerġija (allokazzjoni impliċita) bejn:
 - (a) iż-żoni tal-offerti stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/943, li huma konnessi direttament mar-Renju Unit permezz ta' interkonnnetturi tal-elettriku; u
 - (b) r-Renju Unit.
 3. Il-pożizzjonijiet netti tal-enerġija fuq l-interkonnnetturi tal-elettriku għandhom jiġi kkalkolati permezz ta' proċess ta' allokazzjoni impliċita billi jiġi applikat algoritmu speċifiku għal:
 - (a) offerti kummerċjali u offerti għall-perjodu ta' żmien tas-suq ta' ġurnata bil-quddiem miż-żoni tal-offerti stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/943 li huma konnessi direttament mar-Renju Unit permezz ta' interkonnnetturi tal-elettriku;
 - (b) offerti kummerċjali u offerti għall-perjodu ta' żmien tas-suq ta' ġurnata bil-quddiem minn swieq rilevanti ta' ġurnata bil-quddiem fir-Renju Unit;
 - (c) il-kapaċità tad-data tan-network u l-kapaċitajiet tas-sistema ddeterminati f'konformità mal-proċeduri miftiehma bejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni; u
 - (d) data dwar il-flussi kummerċjali mistennija ta' interkonnessjonijiet tal-elettriku bejn iż-żoni tal-offerti konnessi mar-Renju Unit u żoni tal-offerti oħrajn fl-Unjoni, kif iddeterminat mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-Unjoni bl-użu ta' metodoloġiji robusti.
- Dan il-proċess għandu jkun kompatibbli mal-karatteristiċi speċifiċi tal-interkonnnetturi tal-elettriku b'kurrent dirett, inklużi r-rekwiżiti dwar it-telf u l-varjazzjoni.
4. Il-funzjoni tal-akkoppjament tas-suq għandha:
 - (a) tipproduċi riżultati biżżejjed minn qabel it-tħaddim tas-swieq rispettivi ta' ġurnata bil-quddiem tal-Partijiet (għall-Unjoni dan huwa akkoppjament singolu ta' ġurnata bil-quddiem stabbilit f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222¹) sabiex dawn ir-riżultati jkunu jistgħu jintużaw bħala inputs fil-proċessi li jiddeterminaw ir-riżultati f'dawk is-swieq;
 - (b) tipproduċi riżultati li huma affidabbli u ripetibbli;
 - (c) tkun proċess speċifiku sabiex jikkollega s-swieq distinti u separati ta' ġurnata bil-quddiem fl-Unjoni u fir-Renju Unit; b'mod partikolari, dan ifisser li l-algoritmu speċifiku għandu jkun distint u separat minn dak użat fl-akkoppjament singolu ta' ġurnata bil-quddiem stabbilit f'konformità mar-Regolament (UE) 2015/1222 u, fir-rigward tal-offerti kummerċjali u tal-offerti tal-Unjoni, ikollu aċċess biss għal daww minn żoni tal-offerti li huma konnessi direttament mar-Renju Unit permezz ta' interkonnnetturi tal-elettriku.
 5. Il-pożizzjonijiet netti tal-enerġija kkalkolati għandhom jiġi ppubblikati wara validazzjoni u verifika. Jekk il-funzjoni tal-akkoppjament tas-suq ma tkunx tista' topera jew tipproduċi riżultat, il-kapaċità tal-interkonnnetturi tal-elettriku għandha tiġi allokata permezz ta' proċess ta' riżerva, u l-partiċipanti fis-suq għandhom jiġi nnotifikati li ser japplika l-proċess ta' riżerva.

¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi linji gwida dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni (ĠU UE L 197, 25.7.2015, p. 24).

6. Il-kostijiet tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni tal-proċeduri tekniċi għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn l-operaturi rilevanti tas-sistema ta' trażmissjoni tar-Renju Unit jew entitajiet oħrajn minn naħa, u l-operaturi rilevanti tas-sistema ta' trażmissjoni tal-Unjoni jew entitajiet oħrajn min-naħa l-oħra, sakemm il-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija ma jiddeċidix mod ieħor.

Parti 2

L-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' dan l-Anness għandha tkun mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kif ġej:

- (a) fi żmien tliet xhur – analiżi kost-benefiċċji u deskrizzjoni tal-proposti għall-proċeduri tekniċi;
- (b) fi żmien 10 xhur – proposta għal proċeduri tekniċi;
- (c) fi żmien 15-il xahar – il-bidu tat-tħaddim tal-proċeduri tekniċi.

Anness 5: Ir-rekwiżiti tal-proposti ġenerali u l-analiżi kost-benefiċċji

Kif stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness ENER – 4 tal-Ftehim, l-ewwel stadju ta' żvilupp tal-arranġamenti l-ġodda ta' ġurnata bil-quddiem huwa li jiġu żviluppati proposti ġenerali u analiżi kost-benefiċċji.

Il-proposti ġenerali għandhom:

- jistabbilixxu d-disinn ta' livell għoli tas-soluzzjoni tal-akkoppjament ta' volum sfuż f'diversi reġjuni;
- jidentifikaw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet tal-industrija;
- ikun fihom pjan ta' implimentazzjoni;
- jenfasizzaw kwalunkwe riskju jew kwistjoni marbuta mal-implimentazzjoni, bi proposti dwar kif dawn għandhom jiġu solvuti; u
- jivvalutaw l-impatt tad-differenzi bejn ir-reġimi tal-ipprezzar tal-karbonju tal-partijiet fuq il-flussi fuq l-interkonnetturi.

L-analiżi kost-benefiċċji għandha tqis l-oġettiv tal-arranġamenti sabiex jiġu mmassimizzati l-benefiċċji tal-kummerċ li jfisser li, fi ħdan ir-restrizzjonijiet imsemmija fl-Anness ENER-4 tal-Ftehim, l-arranġamenti ta' negozjar:

- għandhom ikunu effiċjenti kemm jista' jkun, u;
- f'ċirkostanzi normali, għandhom jirriżultaw fi flussi bejn l-interkonnetturi tal-elettriku li jkunu konsistenti mal-prezzijiet fis-swieq ta' ġurnata bil-quddiem tal-Partijiet.

Annex II

Abbozz ta' ittra tad-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni Ewropea u tad-Dipartiment għan-Negozju, l-Enerġija u l-Istrateġija Industrijali tal-Gvern tar-Renju Unit għall-operaturi rispettivi tas-sistemi ta' trażmissjoni tal-elettriku tagħhom li titlob li jipprovdu informazzjoni addizzjonali bil-ħsieb li jitħejjew proċeduri tekniċi għall-allokazzjoni tal-kapaċità u għall-ġestjoni tal-konġestjoni fil-perjodu ta' żmien ta' ġurnata bil-quddiem fl-ambitu tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit

[indirizz tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku tal-UE jew tar-Renju Unit]

[data]

Suġġett: Talba għal informazzjoni addizzjonali bil-ħsieb li jitħejjew proċeduri tekniċi għall-allokazzjoni tal-kapaċità u għall-ġestjoni tal-konġestjoni fil-perjodu ta' żmien ta' ġurnata bil-quddiem fl-ambitu tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit

Għażiż(a) [spazju riżervat: destinatarju],

Grazzi tal-ħidma tiegħek sal-lum sabiex tagħmel progress fl-implimentazzjoni tat-Titolu tal-Enerġija tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u b'mod partikolari l-pubblikazzjoni tal-analiżi kost-benefiċċji u l-proposta ġenerali appoġġata mill-opinjoni ta' [spazju riżervat: Regolaturi nazzjonali tar-Renju Unit [jew] ACER] f'April 2021.

Wara l-laqgħa tal-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija fit-30 ta' Marzu 2022 u r-Rakkomandazzjoni tiegħu [spazju riżervat: Nru. X/202x] magħmula fi [spazju riżervat: data], [spazju riżervat: Id-Dipartiment għan-Negozju, l-Enerġija u l-Istrateġija Industrijali tal-Gvern tar-Renju Unit [jew] id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni Ewropea] jitolbu li inti ttipprovdi tweġibiet għall-mistoqsijiet li jinsabu fl-anness ta' din l-ittra fi żmien ħames xhur minn meta tirċievi din l-ittra, b'involvement mill-qrib tal-partijiet rilevanti (eż. skambji tal-enerġija, operaturi nominati tas-suq tal-elettriku, kmamar tal-ikklijar) fl-analiżi sabiex tiġi vvalutata l-fattibbiltà Prattika tax-xenarji.

L-[ispazju riżervat: l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni [jew] l-ENTSO-E, li jiffaċilita l-ħidma tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-UE,] jgħandu barra minn hekk jitlob opinjoni informali tal-[ispazju riżervat: Regolaturi nazzjonali tal-enerġija tar-Renju Unit [jew] l-ACER] dwar din l-informazzjoni addizzjonali u jippreżentaha flimkien mat-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jinsabu fl-anness.

Il-mistoqsijiet fl-Annex jikkonċernaw it-tnejn tal-proċeduri tekniċi għall-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni fil-perjodu ta' żmien ta' ġurnata bil-quddiem. Kwalunkwe informazzjoni li jista' jkollok bżonn tikseb minn partijiet terzi għandha tiġi pproċessata biss bil-għan li jkun hemm rispons għal dawk il-mistoqsijiet u l-kunfidenzjalità tagħha għandha tkun protetta mill-iżvelar jekk dan jintalab mill-parti terza. L-[ispazju riżervat: id-Dipartiment għan-Negozju, l-Enerġija u

l-Istrateġija Industrijali tal-Gvern tar-Renju Unit [jew] id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni Ewropea] ser jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni li tasal fit-tweġiba għal din l-ittra tintuża wkoll għal dan l-għan uniku. Ser tittratta bħala kunfidenzjali kwalunkwe informazzjoni identifikata bħala kunfidenzjali jew kummerċjalment sensittiva u ser iżżommha u tipproteġiha mill-iżvelar, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli, sakemm ma jkunx inkiseb permiss speċifiku tad-detentur tad-drittijiet tagħha biex issir disponibbli.

Bil-quddiem, nixtieq nirringrazzjak għall-isforz addizzjonali tiegħek dwar dan is-suġġett.

[firma]

Cc: [speditur fid-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni Ewropea jew, kif xieraq,

fid-Dipartiment għan-Negozju, l-Enerġija u l-Istrateġija Industrijali tal-Gvern tar-Renju Unit]

Anness

Kuntest: Il-mistoqsijiet li ġejjin huma relatati mal-opzjonijiet stabbiliti mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tar-Renju Unit u tal-UE fl-analiżi kost-benefiċċji ppubblikata f'April 2021. Ta' min jinnota li l-punt 3 tal-Anness 29 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jirrikjedi li l-pożizzjonijiet netti tal-enerġija fuq l-interkonnetturi tal-elettriku jiġu kkalkolati permezz ta' proċess ta' allokkazzjoni impliċitu billi jiġi applikat algoritmu speċifiku inklużi offerti kummerċjali u offerti għall-perjodu ta' żmien tas-suq ta' ġurnata bil-quddiem mis-swieq rilevanti ta' ġurnata bil-quddiem fir-Renju Unit. L-analiżi kost-benefiċċji tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tar-Renju Unit u tal-UE identifikat li prezz uniku għar-Renju Unit huwa mixtieq ħafna għall-implimentazzjoni effiċjenti tal-Akkoppjament tal-volum sfuż f'diversi reġjuni (MRLVC) fl-opzjonijiet kollha tad-disinn tal-MRLVC. F'Settembru 2021, il-BEIS fetax konsultazzjoni sabiex ifittex fehmiet dwar l-arranġamenti attwali għan-negozjar tal-elettriku fuq l-iskambji tal-enerġija fis-suq tal-elettriku bl-ingrossa tal-Gran Brittanja u l-proposti tagħna sabiex jiġi appoġġat il-kummerċ transfruntier effiċjenti. B'mod partikolari, il-BEIS stabbilixxa approċċ ta' livell għoli għall-akkoppjament ta' rkantijiet speċifiċi ta' kuljum bil-quddiem, li jintuża bħala s-"swieq rilevanti ta' ġurnata bil-quddiem" għall-finijiet tal-Anness 29 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, bil-għan li jinstabu fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar jekk dan jiġix implimentat, u jekk iva, kif dan jitwettagħ fil-prattika. Din il-konsultazzjoni għalqet f'Novembru 2021, u l-Gvern tar-Renju Unit ser jippubblika tweġiba fi żmien xieraq.

1. Fir-rigward tal-opzjoni tal-Ktieb tal-Ordinijiet Preliminari identifikata mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni:
 - (a) Xi proporzjon ta' ordinijiet għall-Akkoppjament Singolu ta' Ġurnata bil-Quddiem (SDAC) tipikament jiġi sottomess matul l-aħħar 15-il minuta qabel il-Ħin tal-Għeluq tan-Negozju (GCT), f'liema firxa dak il-proporzjon tipikament ivarja, u hemm fatturi speċifiċi għal meta l-parteċipanti fis-suq jissottomettu l-ordinijiet tagħhom u dawn il-fatturi jistgħu jinbidlu bħala riżultat tal-implimentazzjoni tal-Opzjoni tal-Ktieb tal-Ordinijiet Preliminari?
 - (b) Sa liema punt il-proporzjon tal-ordinijiet sottomessi matul l-aħħar 15-il minuta qabel l-SDAC GCT ikollu impatt fuq il-flussi tal-interkonnetturi li jkunu konsistenti mal-prezzijiet fis-swieq ta' ġurnata bil-quddiem tal-Partijiet?

- (c) Din l-opzjoni ttaffi bis-sħiħ jew xorta waħda tiffaċċa xi waħda mill-kwistjonijiet ta' żmien identifikati bl-Opzjonijiet tal-Ktieb tal-Ordinijiet Komuni? Kwalunkwe impatt u riskju operazzjonali għandu jiġi spjegat u ssostanzjat bis-sħiħ.
- (d) Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 305 (Projbizzjoni tal-abbuż tas-suq fis-swieq tal-elettriku u tal-gass bl-ingrossa) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprovdu mitigazzjoni suffiċjenti tar-riskji ta' manipulazzjoni tas-suq identifikati bħala li jirriżultaw taħt l-opzjoni tal-ktieb tal-Ordinijiet Preliminari? Kwalunkwe riskju residwu ta' manipulazzjoni tas-suq għandu jiġi spjegat u ġġustifikat bis-sħiħ.
- (e) Hemm aktar azzjonijiet, rekwiżiti, jew obbligi, inkluż tal-awtoritajiet regolatorji jew tal-parteċipanti fis-suq, tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, jew tal-operaturi tas-suq, li jistgħu jiġu stabbiliti sabiex jipprovdu mitigazzjonijiet ulterjuri għar-riskju ta' manipulazzjoni tas-suq identifikat bl-opzjoni tal-ktieb tal-Ordinijiet Preliminari? Kwalunkwe riskju residwu ta' manipulazzjoni tas-suq għandu jiġi spjegat u ġġustifikat bis-sħiħ.
2. Fir-rigward tal-opzjonijiet tal-Ktieb tal-Ordinijiet Komuni identifikati mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni:
- (a) X'inhi l-firxa sħiħa ta' opzjonijiet li jistgħu jippermettu li l-proċessi ta' kalkolu tal-MCO tal-MRLVC isiru bejn l-SDAC GCT f'12:00 CET u l-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-SDAC fis-13:00 CET, inkluża kwalunkwe opzjoni li tippermetti li l-proċessi ta' kalkolu tal-MCO tal-MRLVC isiru b'mod parallel mal-aspetti tal-SDAC?
- X'inhuma l-vantaġġi/l-iżvantaġġi bejn dawn l-opzjonijiet, inklużi:
- (1) l-impatti potenzjali fuq it-tħaddim tal-SDAC u l-proċessi ta' riżerva, (jiġifieri r-riskji tad-diżakkoppjar tal-SDAC);
 - (2) l-impatt fuq l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, l-operaturi tas-suq, u l-parteċipanti fis-suq
- Kwalunkwe impatt u riskju operazzjonali għandu jiġi spjegat u ssostanzjat bis-sħiħ.
- (b) Għal opzjonijiet oħrajn addizzjonali tal-ktieb tal-ordinijiet komuni identifikati mit-TSOs fl-analiżi kost-benefiċċji (bidla fiż-żmien tal-SDAC GCT u/jew il-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-SDAC), x'inhuma l-vantaġġi/l-iżvantaġġi bejn dawn l-opzjonijiet, inkluż:
- (1) l-impatt fuq il-proċessi qabel (eż., il-kalkolu tal-kapaċità) u wara l-SDAC (eż. swieq tal-istess ġurnata/tal-ibbilanċjar);
 - (2) l-impatt fuq l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, fuq l-operaturi tas-suq u l-impatt fuq il-parteċipanti fis-suq ta' kwalunkwe żmien akbar bejn ir-riżultati tal-SDAC GCT u tal-SDAC.
- Kwalunkwe impatt u riskju operazzjonali għandu jiġi spjegat u ssostanzjat bis-sħiħ.
3. Fir-rigward tal-opzjonijiet kemm tal-Ktieb tal-Ordinijiet Preliminari kif ukoll dawk Komuni:
- (a) X'inhuma l-proċessi differenti meħtieġa għat-twettiq tal-kalkolu tal-MCO tal-MRLVC, u x'inhi l-firxa ta' żmien li tkun meħtieġa għal kull wieħed minn dawk il-proċessi? Kwalunkwe firxa f'perjodu ta' żmien potenzjali għandha tiġi spjegata u ssostanzjata bis-sħiħ.

- (b) Jekk jogħġbok ipprovdni proposta ġenerali għall-Metodoloġija taż-Żona tal-Offerti Konfinanti (BBZ) għall-istabbiliment ta' previżjoni akkurata u robusta. Meta tistabbilixxi dan, jekk jogħġbok inkludi;
- (1) il-kwistjonijiet, il-prinċipji u l-parametri ewlenin (inklużi d-data tal-input, l-outputs, u l-użu tal-outputs fl-MRLVC) li jeħtieġ li jiġu indirizzati u stabbiliti mill-Metodoloġija tal-BBZ, u;
 - (2) skeda ta' żmien li fiha din il-metodoloġija tista' tiġi stabbilita u ssir operazzjonali.
 - (3) valutazzjoni kwalitattiva preliminari ta' kif il-metodoloġija proposta tal-BBZ flimkien mal-MRLVC mistennija tmur, meta mqabbla mar-riżultati tal-allokazzjoni tal-kapaċità permezz ta' rkantijiet espliċiti sabiex jiġu pprovduti arranġamenti kummerċjali aktar effiċjenti, u, b'mod partikolari, taħt liema kondizzjonijiet il-metodoloġija proposta flimkien mal-MRLVC tmur aħjar minn irkant espliċitu.
- (c) Implimentazzjoni
- (1) X'inhuma l-passi dettaljati meħtieġa sabiex jiġu implimentati l-aspetti kollha tal-opzjonijiet tal-Ktieb tal-Ordni jiet kemm Preliminari kif ukoll dawk Komuni, inklużi l-proċessi sabiex tiġi ttestjata u vverifikata l-prestazzjoni tal-MRLVC qabel it-tħaddim sħiħ, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, tal-operaturi tas-suq u tal-parteċipanti fis-suq, kif jistgħu dawn l-aspetti jiġu implimentati fl-iqsar żmien possibbli, u kif jistgħu l-istruttura u l-kontenut tal-proċeduri tekniċi jappoġġaw bl-aħjar mod l-implimentazzjoni effiċjenti?
 - (2) Jekk jogħġbok ipprovdni skeda ta' żmien realistika għall-implimentazzjoni għal kull opzjoni (din l-iskeda ta' żmien għandha tqis l-iżviluppi attwali u futuri stabbiliti u tinkludi l-passi kollha meħtieġa bħall-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda tal-IT għall-MCO tal-MRLVC, il-fażijiet tal-ittestjar, il-proċessi ta' governanza, eċċ.).
 - (3) X'inhuma l-kostijiet diretti antiċipati tal-implimentazzjoni u tal-operat tal-MRLVC għar-rwoli u l-funzjonijiet differenti meħtieġa għall-MRLVC?